# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**

**[Spettur Colin Sheldon]**

**vs**

**Gordon Schembri**

**Kumpilazzjoni Numru 675/22**

**Illum, 12 ta' Novembru, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Gordon Schembri detentur tal-karta tal-identita` numru 0207386M:

U akkuzat talli nhar nhar l-10 ta' Novembru 2022 u fil-granet, gimghat u xhur ta' qabel, gewwa dawn il-gzejjer b'diversi atti, ukoll jekk maghmula fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Gab ruhu b'mod li ta' fastidu lil ex siehba tieghu u cioe' Elena Tarasenko u dan bi ksur ta' Artikoli 251A (1)(a) u 251A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Aktar aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi gab ruhu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju ghal ex siehba tieghu u cioe' Elena Tarasenko u dan bi ksur ta' l-Artikoli 251(1)(b) u 251A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi Ikkaġuna lil ex siehba tieghu u cioe' Elena Tarasenko, biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha u dan bi ksur tal-Artikoli 251B, 251H, 251HA, 222(1) u 202 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi gab ruhu b'mod li hu ta' fastidju lill-ex siehba tieghu u cioe' Elena Tarasenko u li l-imgieba tieghu tammonta ghal segwiment ta' persuna bil-mohbi billi ghamel kuntatt jew ttanta li jaghmel kuntatt maghham, tlajja fi kwalunkwe post pubbliku jew privat u qaghad ghassa jew spija fuqha u dan bi ksur ta' l-Artikoli 251AA (1)(a)(b), 251AA (2), 251AA (3) u 251AA (4) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Aktar talli għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Elena Tarasenko jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 339 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, permezz ta' apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, ghamel uzu mhux xieraq bih u dan bi ksur ta' Artikolu 49(c) ta' Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, gewwa l-Gzejjer Maltin, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D. fid-digriet taghha tal-10 ta' Novembru 2020 li bih inghata l-ħelsien mill-arrest u dan bi ksur ta' Artikolu 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Elena Tarasenko billi jigu applikati l-provedimenti ta' l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba illi f'kaz ta' htija, jigu applikati l-provedimenti ta' l-Artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Rat l-artikoli indikati u cioè l-Artikolu 251A(1)(a), 251A(4), 251(1)(b), 251B, 251H, 251HA, 222(1), 202, 251AA(1)(a)(b), 251AA(2), 251AA(3), 251AA(4), 339(e), 49, 50, 289 u 382A tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni tal-akkuzi kif dedotti kontrih u kif ukoll rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li nghata zmien ragonevoli sabiex jahsibha;

Stante ammissjoni l-Qorti qed issib lill-imputat Gordon Schembri hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin flimkien ma' Ordni ta' Trazzin taht l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet (3) snin kif ukoll Ordni ta' Servizz fil-Komunità ghal sittin (60) siegha u liema ordnijiet qed jiffurmaw parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-aggravju tar-recidiva stante li giet irtirata.

Illi a rigward is-seba' (7) akkuza l-Qorti mhix ser tordna l-ebda konsegwenzi naxxenti mill-ksur ta' Helsien mill-Arrest stante li ma hemm l-ebda prova ta' dan.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet lill-imputat, jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduta.

-----------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Dep. Reg.**